**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2018.**

**Talba Nru: 284/2017PA**

**Hansa Wines & Spirits Ltd.**

**vs**

**1. Joseph Cachia (Snr)**
**2. Joseph Cachia (Jnr)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat fid-19 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet li bieghet u kkonsenjat xort alkoholiku u spirti lill-konvenuti; li minkejja diversi tentattivi da parti tas-socjeta' attrici, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Awissu 2016 (1577/16) sabiex il-konvenuti jhallsu l-bilanc dovut bhala hlas ghall-imsemmija merkanzija, huma baqghu inadempjenti. Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' elfejn seba' mija u sbatax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€2717.36) rapprezentanti bilanc dovut bhala hlas ghal xorb alkoholiku u spiriti mibjugha u konsenjati lilhom mis-socjeta'

attrici, bl-imghax legali mis-16 ta' Gunju 2013 skond il-Kodici tal-Kummerc, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1577/16.

Ra d-dokument anness mal-Avviz tat-Talba, senjatament kopja fotostatika ta' ittra ufficjali ezekuttiva datata 8 ta' Awissu 2016 (fol. 4).

Ra r-Risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi: (i) kif se jigi pruvat fil-mori tal-kawza, il-konvenuti qatt ma ordnaw jew ircevew l-allegat merkanzija; (ii) mal-avviz promotur, is-socjeta' attrici ma pprezentat l-ebda kont, fattura jew prova ohra li turi li l-konvenuti xtraw din il-merkanzija; (iii) minghajr pregudizzju, l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-art. 2148 tal-Kodici Civili.

Sema' x-xiehda mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti ezibiti.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Il-**konvenut Joseph Cachia (Snr**),[1] prodott mis-socjeta' attrici b'xhud taghha, xehed li hu jahdem fis-settur tal-bini, pero' jopera wkoll bar f'Hal-Far u ilu joperah ghall-ahhar tlett snin. Fis-sena 2013, dan il-bar kien jismu 'Caribbean Bar', u kien joperah ma' certu John Saliba. Qal li hu u din il-persuna l-ohra kienu azzjonisti fil-kumpanija Sabrina Limited – hu kellu terz tal-ishma, u Saliba kellu l-bqija. Kompla spjega li fis-sena 2015, Sabrina Limited bidlet l-isem u giet jisimha Cachia Operations Limited, u l-konvenut beda joperaha wahdu.

[1] Ara xie
hda, 7.11.2017, fol. 14 sa 15

Joseph Cachia (Snr) xehed li minghand Franco Farrugia, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, mar jixtri darba, u xtara x-xorb. Dan kien wara li n-negozju tal-*bar* ghadda fuqu wahdu. Qal li ma jaf xejn dwar ic-cekk muri lilu mis-socjeta' attrici, li qal li jidher iffirmat minn John Saliba. Kompla jghid li fis-sena 2013, ix-xiri tal-prodotti ghall-*bar* kien jaghmlu hu, pero' Sabrina Limited kien imexxiha siehbu John Saliba, li kellu l-maggoranza tal-ishma. Qal li, dak iz-zmien, kien imur filghaxija biss fil-*bar*, filwaqt li ibnu ma kienx ghadu involut.

In kontroezami, il-konvenut xehed li Saliba kien imexxi wkoll bar iehor, bl-isem 'Marleys'. Insista wkoll li t-tmexxija ta' Sabrina Limited kienet f'idejn dan Saliba ghaliex hu kellu l-maggoranza tal-ishma fil-kumpanija.

Fix-xiehda tieghu, **Franco Farrugia**,[2] direttur manigerjali tas-socjeta' attrici, spjega li s-socjeta' attrici taghmel xoghol ta' bejgh bl-ingrossa ta' prodotti tal-inbid u spirti. Qal li fil-bidu kien jixtri minghand is-socjeta' attrici John Saliba, u mbaghad dan introducieh mal-konvenuti. Qal li hafna drabi, kien imur jixtri l-konvenut (l-iben).

Farrugia xehed li, ghall-habta tas-sena 2012 jew 2013, Saliba kien qallu li n-negozju kien ser jghaddih lill-konvenuti, u talbu jaghtihom zmien biex ihallsu. Hu accetta, u dawn tawh diversi cekkijiet bi hlas ta' prodotti ga mixtrija minghand is-socjeta' attrici. Fosthom kien hemm ic-cekk mertu ta' din l-azzjoni li ma ssarrafx. Wara dan, il-konvenuti ma baqghux jixtru minghand is-socjeta' attrici.

In kontroezami, Franco Farrugia qal li l-konvenut (iben) kien imur ihallas lis-socjeta' attrici bic-cekkijiet iffirmati minn John Saliba. Gieli bidlu c-cekkijiet ma' flus kontanti, u dan sar mill-konvenuti. Huwa ccara li l-konvenuti kienu baqghu jixtru minghand is-socjeta' attrici wara li kien introduciehom John Saliba. Hu ma kienx f'qaghda jixhed dwar it-transazzjoni partikolari, li taghha sar il-hlas b'dan ic-cekk. Qal li s-sistema tas-socjeta' attrici ma zzommx rekord ta' min ihallas mal-konvenju.

---

[2] Ara xiehda, 7.11.2017, fol. 16 sa 18

Is-socjeta' attrici pproduciet ic-cekk li tieghu qed jintalab il-hlas b'din il-kawza, li jidher mahrug minn Sabrina Limited u ffirmat minn John Saliba, favur Hansa, u datat 16 ta' Gunju 2013, ghas-somma ta' €2717.36.[3] Hija pproduciet ukoll kopja fotostatika tal-istatut tal-kumpanija Sabrina Limited, kif registrat mal-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji, li jidher li bidlet isimha fl-1 ta' April 2015 ghal Cachia Operations Limited u li minn dakinhar, ghandha azzjonist wiehed biss, lill-konvenut (missier), li huwa wkoll l-uniku direttur u s-segretarju taghha.[4]

Il-konvenuti pprezentaw kopja vera tal-licenzja tas-sewqan tal-konvenut (missier) u tal-ezami ghall-ghoti tal-licenzja tas-sewqan, li qaghad ghalih il-konvenut (iben) fl-10 ta' April 2014.[5]

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawza li s-socjeta' attrici qed taghmel kontra l-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn seba' mija u sbatax-il Ewro u sitta u tletin centezmu (€2717.36) bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' xorb alkoholiku u spiriti, liema hlas qed jintalab ghab-bazi tal-fatt li c-cekk datat 16 ta' Gunju 2013 mahrug minn Sabrina Limited favur is-socjeta' attrici baqa' ma ssarrafx. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed car li, meta gew biex jinbidlu l-azzjonisti ta' Sabrina Limited, l-azzjonist li kien hiereg minnha kien ghamel arrangament maghha biex il-bilanc tal-prezz ta' fornituri li kien ghadu dovut jithallas permezz ta' pagamenti fuq medda ta' zmien. Saru xi pagamenti bic-cekkijiet li gew mghoddija minn dak l-azzjonist lis-socjeta' attrici, pero' l-hlas li kellu jsir bic-cekk datat 16 ta' Gunju 2013 (fol. 20) baqa' ma sarx ghaliex ic-cekk ma ssarrafx.

Il-ligi taghna tpoggi lic-cekkijiet bankarji fl-istess qoffa bhall-kambjali, biljetti negozjabbli u *promissory notes*, u tirregolahom b'disposizzjonijiet *ad hoc* fil-<u>Kodici tal-Kummerc</u> (Kap. 13). It-Tribunal ser jirriproduci hawn taht id-disposizzjonijiet rilevanti f'dan il-Kodici:

---

[3] Dok. A, fol. 20
[4] Dok. B, fol. 21 sa 34
[5] Ara Dok. JC1 u JC2

FUQ IL-BILJETTI NEGOZZJABBLI JEW *PROMISSORY NOTES*, U MANDATI JEW *CHEQUES* FUQ BANKIERA JEW KAXXIERA

*Disposizzjonijiet dwar il-kambjali li jgħoddu għallbiljetti negozjabbli.*
**260.** Id-disposizzjonijiet li jgħoddu għall-kambjali u li jirrigwardaw il-ġîra, l-obbligazzjoni in solidum, l-avall, iż-żmien tal-iskadenza, il-ħlas, il-ħlas għall-unur, il-protest, id-dmirijiet u ljeddijiet tal-pussessur, u r-rikambju, igħoddu għall-biljetti negozjabbli jew promissory notes.

*X'għandu jkun fih biljett negozjabbli.*
**261.** (1) Il-biljett negozjabbli jew promissory note għandu jkun fih id-data, is-somma li għandha titħallas, l-isem tal-persuna li favur tagħha jew għall-ordni tagħha huwa ffirmat, iż-żmien li fih għandu jsir il-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, b'akkont, jew xort'oħra.
(2) Il-biljett negozjabbli jew promissory note jista' jkun miġbud li jitħallas lill-purtatur.

*Mandati jew cheques.*
**262.** (1) Il-mandati jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera għandu jkun fihom id-data, is-somma li għandha titħallas, u jistgħu jsiru li jitħallsu lill-persuna msemmija bl-isem, jew għall-ordni tagħha, jew għall-purtatur.
(2) Huma jitħallsu mal-preżentata tagħhom.

*Konsegwenza meta tiddawwar il-preżentata taċ-cheque.*
**263.** Jekk il-pussessur ta' cheque jonqos li jsarrfu fi żmien tlitt ijiem mid-data tiegħu, u, wara dan iż-żmien, il-bankier jew kaxxier jirrifjuta jħallsu, il-pussessur li jkun irċieva ċ-cheque mingħand terza persuna ma jistax idur kontra din il-persuna, u lanqas kontra l-persuna li tkun ġibdet iċ-cheque jekk din tipprova li kellha f'idejn il-bankier jew kaxxier fondi biżżejjed għall-ħlas ta' dak iċ-cheque, u li dawn il-fondi ma ġewx nieqsa bi ħtija tagħha.

Il-gurisprudenza tal-qrati taghna tenfasizza d-distinzjoni netta bejn dokument li jaghti titolu lil portatur – bhall-kambjala u c-cekk – u l-obbligazzjoni jew in-negozju li fil-kors tieghu, jew dwaru, jkun inghata dak id-dokument.

Ricentement, fis-sentenza **Anthony Grech Sant vs Ronald Robert Balani**[6], il-Qorti tal-Appell irriproduciet l-istudju gurisprudenzjali u dottrinali li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-istess kawza dwar in-natura guridika tac-cekk, u l-prossimita' tieghu ghal kambjala. Filwaqt li l-Qorti tal-Appell ma qablitx li cekk huwa ezegwibbli bhal kambjala, fit-termini tal-**art. 253(e)** tal-Kap. 12, ghaliex ma jissemmiex f'dik id-disposizzjoni, is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] f'dak il-kaz ghandha siwi didattiku partikolari, li jghodd hafna fil-kaz odjern.

B'mod partikolari, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghamlet citazzjonijiet min-<u>Notes on Commercial Law</u> tal-Professur Micallef fejn jispjega li *'cheques are very similar in legal form to bills of exchange ... the juridical nature and character of a cheque or of a draft or cheque on bankers or cashiers, as our Code terms it, is very similar to that of a bill of exchange'*[8]. Huwa jkompli jispjega li *'[i]n certain cases credit instruments are made to circulate as documents containing 'abstract' rights, that is* ***a right which derives from the document itself independently of the 'causa obligationis' or the original contract which had given rise to it.***[9] *Consequently, the credit instrument is issued even though the original contract which gave rise to it is not mentioned in the body of the document consisting the credit instruments ... Not all credit instruments possess this quality of giving rise to abstract rights but only those which are recognized by the law, either expressly or impliedly and such an attribute is implied in bills of exchange, promissory notes and cheques"*[10].

Sfortunatament, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili aktar minn hmistax-il sena ilu fis-sentenza **Marlene Vella et vs Av. Dr. Antoine Gambin et**[11], *'hemm bzonn li d-disposizzjonijeit dwar cheques jigu emendati sabiex jigu regolati ut sic u dan biex jittiehed in konsiderazzjoni l-izvilupp ta' l-istess dokument ta' kreditu u mezz ta' pagament fiz-zmien prezenti. Nonostante dan in-nuqqas pero' l-gudikant huwa tenut li*

[6] Qorti tal-Appell, 27.10.2017
[7] 5.10.2016
[8] Part II, citat fis-sentenza **Grech Sant vs Balani**, Prim'Awla, 5.10.2016, *supra*
[9] Enfasi tat-Tribunal
[10] Ibid.
[11] Prim'Awla, 26.4.2001

*japplika l-ligi vigenti u din fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija karatterizzata bil-gurisprudenza u duttrina inkluz l-insenamenti fuq citati'.*

F'dan il-kaz, mill-att promotur ma jidhirx li s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq ic-cekk ezibit fl-atti, pero' qed tistrieh fuqu biex turi li l-ammont mitlub b'din il-kawza ghadu dovut. Filfatt, hija naqset li tipproduci fatturi jew dokumentazzjoni ohra dwar in-negozju li tghid li sar bejnha u l-konvenuti, u li minnu twieldet l-obbligazzjoni tal-hlas li qed tipprosegwi ghall-ezekuzzjoni taghha b'din il-kawza.

Il-konvenuti jiddefendu ruhhom kontra t-talba attrici fuq tlett binarji: (i) preskizzjoni estintiva skond l-**art. 2148** tal-Kodici Civili; (ii) huma qatt ma ordnaw jew ircevew din il-merkanzija; u (iii) is-socjeta' attrici naqset li tipprova l-bejgh ta' din il-merkanzija lill-konvenuti.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, il-konvenuti naqsu li jindikaw il-paragrafu fl-**art. 2148** tal-Kodici Civili li ghab-bazi tieghu qed jirritjenu li t-talba attrici hija preskritta. Dan in-nuqqas taghhom baqa' ma giex sanat. It-Tribunal jifhem li l-konvenuti kienu qed jistriehu fuq il-paragrafu (b) ta' din id-disposizzjoni li tolqot *azzjonijiet tal-kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut*.

Lil hinn minn din il-karenza, u mill-kwistjoni jekk il-bejgh mertu tal-kawza kienx bl-ingrossa jew bl-imnut, wara d-dhul fis-sehh tal-Att I tal-2017 u tal-Att VIII tal-2017, l-**art. 2160(1)** issa jipprovdi li *'l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli ... 2148 ... m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa'.*

Mill-kumpless tal-provi mressqa mill-konvenuti quddiem it-Tribunal, dan ir-rekwizit jirrizulta karenti, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom ma tistax tintlaqa', anke jekk jigi ritenut li l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti tapplika f'dan il-kaz.

Fil-mertu, pero', it-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici naqset li tressaq l-ahjar prova tal-ezistenza tal-obbligazzjoni tal-hlas li qed tittenta tenforza b'din il-kawza, filwaqt li jinsabu ppruvati l-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-konvenuti.

Kif ga inghad, is-socjeta' attrici ghazlet li tistrieh fuq ic-cekk mahrug lilha minn Sabrina Limited, ghas-somma mitluba, li pero' ma ssarrafx. Hija ma ressqitx prova dwar il-fornituri li taghhom qed titlob il-hlas, meta saru, meta gew konsenjati, jew lil min gew konsenjati u fuq talba ta' min sar il-bejgh. Mic-cekk jidher li l-obbligazzjoni tal-hlas kienet assumietha Sabrina Limited – illum Cachia Operations Limited – li pero' mhix parti f'din il-kawza. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fix-xiehda tieghu ammetta li dan il-kreditu jmur lura ghal zmien qabel ma n-negozju ta' Sabrina Limited bil-bar maghruf bhala 'Caribbean Bar' ghadda ghand il-konvenut Joseph Cachia (Snr).

It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma li t-talba attrici ma giex sodisfacentement pruvata, fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi filwaqt li jichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, u jilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet imressqa minnhom, jichad it-talba tas-socjeta' attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta' attrici.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Gudikatur**